

# Meta morna Ġebel Ċantar

## L-Istat Kostrutt

**Sa A. Schembri – Skola St Joseph, Tas-Sliema**

Ridna mmorru Ġebel Ċantar biex inħarsu minn fuq l-irdum u ngawdu mewġ il-baħar iħabbat mal-blat, biex nisimgħu għanjet l-għasfur timla l-baħħ t'hemm fuq, biex żiffet ir-riħ tmellisna ħelu ħelu. Imma kif wasalna hemm fuq infetħu bwieb is-sema. Kellna nibqgħu msakkrin fil-karozza, inħarsu minn wara l-ħġieġ imtappan. Ġmiel in-natura kien għadu hemm jistenniena. Skiet in-natura nbidel f'mużika l-aktar ħelwa mit-taqtir oħxon tax-xita. Kellna nħallu kollox għal darb'oħra, imma issa missieri twebbel b' Fomm ir-Riħ u ommi b' Wied il-Għasel.

# L-Istat Kostrutt

- Rabta bejn żewġ nomi differenti.
- Nom ‘A’ huwa possessjoni ta’ nom ‘B’.
- Juri possessiv.

Tista’ ssib frażijiet fl-Istat Kostrutt mis-silta ta’ qabel?



Ridna mmorru Ġebel Ċantar biex inħarsu minn fuq l-irdum u ngawdu mewġ il-baħar iħabbat mal-blat, biex nisimgħu għanjet l-għasfur timla l-baħħ t'hemm fuq, biex żiffet ir-riħ tmellisna ħelu ħelu. Imma kif wasalna hemm fuq infetħu bwieb is-sema. Kellna nibqgħu msakkrin fil-karozza, inħarsu minn wara l-ħġieġ imtappan. Ġmiel in-natura kien għadu hemm jistenniena. Skiet in-natura nbidel f'mużika l-aktar ħelwa mit-taqtir oħxon tax-xita. Kellna nħallu kollox għal darb'oħra, imma issa missieri twebbel b' Fomm ir-Riħ u ommi b' Wied il-Għasel.

# Kif jifforma l-Istat Kostrutt?

Biex niffurmaw il-frażi fl-Istat Kostrutt irridu nneħħu **l-artiklu** minn quddiem l-ewwel nom u nneħħu l-partiċella ***ta'*** minn quddiem it-tieni nom. Mal-kliem li jispiċċa bil-vokali nżidu t-**'t'** marbuta.

| | | |
|---|---|---|
| Eż. | il-jum tal-festa | jum il-festa |
| | il-ħajja tal-qaddisin | ħajjet il-qaddisin |

# Mhux kull frażi hi fl-Istat Kostrutt

Il-frażi **ma tkunx** fl-istat kostrutt jekk turi xi **kwantità.**

Eż. tazza nbid

borma brodu

għanqud għeneb



L-ewwel kelma qed turi l-kontenitur jew il-kwantità tal-oġġett li qed nitkellmu dwaru u għalhekk mhemmx idea ta' possessjoni.